# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum il-Gimgha, 4 ta' Novembru, 2022

**Kawża Nru. 6**

**Rik. Nru. 53/2021 ISB**

**L-Avukat Dr Joseph Mizzi bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta estera Alliance Communications Limited reġistrata f'Nevis, b'numru ta' reġistrazzjoni C-20037**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **Dr Joseph Mizzi** bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta estera **Alliance Communications Limited** reġistrata f'Nevis, b'numru ta' reġistrazzjoni C-20037, intavolat fl-20 ta' Lulju 2021, li permezz tiegħu huwa talab lil-Qorti sabiex:-

1. *Jerġa idaħħal l-isem tas-soċjetà* ***Morimito Limited (C31993)*** *fir-reġistru tal-Kumpanniji sabiex b'hekk l-istess soċjetà titqies*

*li kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma ġiex imħassar; u*

2. *Jagħmel dawk il-pubbblikazzjonijiet kollha meħtieġa ai termini tal-Liġi relattivi għal tali inserzjoni fir-Reġistru tal-Kumpanniji.*

U dan wara li ppermetta:

1. *Illi s-soċjetà rikorrenti hija l-azzjonista u direttur tas-soċjetà Morimoto Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C-31933 reġistrata fl-indirizz Vincenti Builsdings, Suite 247, 28/19, Strait Street, Valletta, VLT 08 (is-"Soċjetà");*

2. *Illi ai termini tal-artikolu 325(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta), l-intimat bgħat ittra datata tmintax (18) ta' Frar 2020(vide Dok A) li permezz tagħha avżat lill-esponenti li s-Soċjetà kienet naqset milli tirreġistra d-dokumenti rilevanti, u għalhekk, is-Soċjetà kellha tinforma lill-intimat jekk kinitx għadha qed topera;*

3. *Illi l-esponeti ma ġietx mgħarrfa b'din l-ittra u għalhekk ma kellhiex l-opportunita li tirrispondi lill-intimat;*

4. *Illi minkejja li s-Soċjetà kienet attiva u għadha qed topera, hija xorta waħda ġiet imħassra minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji miżmum mill-intimat b'effett mill-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (2020);*

5. *Illi l-esponenti ħasset ruħha aggravata b'tali tħassir u għandha kull interess li s-Soċjetà terħa titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji;*

6. *Illi l-esponenti saret taf li s-Soċjetà ġiet imħassra minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji f'Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) u r-rappreżentanti tagħha immedjatament bagħtu email lill-intimat sabiex tirregolarizza il-pożizzjoni tagħha;*

7. *Illi jekk is-Soċjetà ma terġax titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, l-esponenti ser issoffri danni rreparabbli billi, fost affarijiet oħra, l-assi tas-Soċjetà sejrin jiddevolvu f'idejn il-Gvern ta' Malta;*

8. *Illi l-esponenti ħadet dawk il-passi kollha sabiex tirregolarizza il-pożizzjoni tas-Soċjetà mal-intimat, hekk kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' din il-kawża;*

Rat **<u>id-dokumenti</u>** esebiti mal-istess rikors (fol 4 sa fol 7).

Rat **<u>id-digriet</u>** tagħha tat-2 ta' Awwissu 2021 li permezz tiegħu r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-27 ta' Settembru 2021 f'12:00 p.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpaniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpaniji kien notifikat fil-11 ta' Awwissu 2021 (ara tergo ta` fol 9).

Rat illi fil-31 ta' Awwissu 2021, ir-**Reġistratur tal-Kumpanniji** intimat ppreżenta **<u>r-risposta</u>** tiegħu (fol 12) bid-dokument hemmek anness (fol 18 sa fol 30), li permezz tagħha, huwa sostna:

> *Illi l-kumpanija Morimoto Limited (C 23748) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fl-14 ta' Awwissu tas-sena 2003;*
>
> *Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk, illi l-kumpanija qatt ma rreġistrat kontijiet annwali mar-Reġistratur u l-aħħar prospett annwali reġistrat kien dak li jirrigwarda s-sena 2005;*
> *Illi di piu', il-kumpanija naqset ukoll mill-obbligi tagħha mposti mill-Avviż Legali 247 tal-2020 u għaldaqstant, baqgħet qatt ma ssottomettiet l-informazzjoni meħtieġa mar-Reġistratur dwar is-sidien beneficċjarji;*
>
> *Illi fis-26 ta' Lulju 2012 il-kumpanija nfurmat lir-Reġistratur illi s-segretarju kien irreżenja fit-28 ta' Ottubru tas-sena 2005 u għalhekk din il-kumpanija baqgħet mingħajr segretajru għal ħmistax-il sena sħaħ, sal-ġurnata illi fiha din il-kumpanija ġiet maqtugħa minn fuq ir-Reġistru;*
>
> *Illi fl-istess sena, preċiżament fis-6 t'Awwissu tas-sena 2012, ir-Reġistratur rċieva nformazzjoni illi l-kumpanija ma kinitx għadha tgawdi mill-kunsens illi tuża l-indirizz: Vincenti Buildings, Suite 247, 28/19 Strait Street, Valletta VLT 1432;*
>
> *Illi tali nuqqasijiet kienu raġunijiet biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur jissoponi illi l-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*
>
> *Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċeda sabiex kiteb lill-kumpanija u lill-uffiċjal tagħha sabiex javża illi l-isem tal-*

*kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi għaldaqstant, ma huwiex minnu illi l-kumpanija ma' ġietx mgħarrfa illi kienet se tiġi mħassra minn fuq ir-Reġistru għaliex ir-Reġistratur bagħat l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok. "**A**", l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha Vincenti Buildings, Suite 247, 28/19 Strait Street, Valletta u l-istess lill-kumpanija direttriċi tagħha fl-indirizz, Temple Buildings No9, Main Street, Charlestown, Saint Kitts and Nevis, datati t-18 ta' Frar 2020;*

*Illi t-tieni avviż gie mibgħut permezz ta' ittra oħra lill-kumpanija u lill-kumpanija direttriċi fuq l-istess indirizzi, fl-1 ta' April 2020;*

*Illi f'dawn l-ittri il-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar Il-Kumpanniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u it-tieni ittra fi zmien tliet xhur, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija.*

*Illi fl-1 t'April 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal- Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp ir- Reġistratur qatt ma rċieva l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fit-2 ta' Lulju 2020, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi r-Reġistratur huwa kreditur ta' din il-kumpanija huwa stess u għaldaqstant huwa għandu jiġi mħallas il-pagamenti pendenti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali, li jammontaw għal EUR 1,689.18 u penali fuq nuqqas ta' reġistrar ta' dawn il-prospetti u kif ukoll tal-kontijiet annwali, li jammontaw għal EUR 18,853; b'hekk l-ammont totali hu dak ta'* ***EUR 20,542.18****;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur jixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali, l-kontijiet annwali u l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji) u dan sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tat-terzi persuni, ir-Reġistratur qiegħed umilment jissolleva illi qiegħed iħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tiegħu sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rettifikata.*

*Illi għaldaqstant huwa lest li joqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkustanzi partikulari ta' dan il-każ.*

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Settembru 2021, deher ir-rikorrent l-Avukat Joseph Mizzi noe u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat illi f'dik l-udjenza fuq talba tar-rikorrenti, il-Qorti ordnat l-korrezzjoni fl-ewwel paragrafu tar-risposta tar-Reġistratur intimat fis-sens illi n-numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpanija Morimoto Limited għandu jinqara C-31933 u mhux C-23748.

Rat ukoll illi f'dik l-udjenza r-rikorrent noe iddikjara illi kien dispost jirregolarizza l-posizzjoni tas-socjeta` Morimoto Limited (C-31933) u fil-fatt diġa kien sar xi xogħol f'dan ir-rigward;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Ġunju 2022, minn fejn jirriżulta illi d-difensuri tal-partijiet ddikjaraw illi l-pendenzi <u>kollha</u> tas-soċjeta` Morimoto Limited (C-31933) kienu ġew riżolti u regolarizzati, u għalhekk bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għall-llum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti ai termini tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, ir-rikorrent noe. għas-soċjeta Alliance Communications Limited, li hija l-azzonista u d-direttur tas-soċjeta' **Morimoto Limited (C-31933)**, liema kumpannija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-kumpaniji fl-1 ta' Lulju 2020.

Illi, f'dan il-kuntest, ir-rikorrent noe. għandu kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji.

Illi r-rikorrent noe. iddikjara mill-bidu, sa mir-rikors mressaq, illi huwa kien lest li jieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tal-kumpannija in kwistjoni Morimoto Limited.

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpannija msemmija kienet naqqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur, li tibgħat kontijiet u prospetti annwali, kif ukoll naqqset milli tissottometti l-informazzjoni meħtieġa mar-Reġistratur dwar is-sidien benefiċċjarji.

Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-ligi biex jikkanċella l-kumpanija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u kienu akkumulaw *registration fees* u penali kif indikat fir-risposta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta:**

> *Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpannija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubbju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta il-kumpannija Morimoto Limited (C-31933) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irriżultaw.

Il-Qorti pero`, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilita' li kellu r-rikorrent noe. illi jirregolarizza l-affarijiet tal-kumpannija mar-Reġistratur intimat. F'dan il-każ, ir-rikorrent noe. żamm kelmtu u l-promessa magħmula fir-rikors minnu mressaq u ukoll fl-ewwel udjenza nżammet, tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-pendenzi kollha kienu ġew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpaniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax il-jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Morimoto Limited (C-31933)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Morimoto Limited (C-31933)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji.

4. **Fil-raba' lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi seta' inkorra biex thassar isem il-kumpannija minn fuq ir-Registru u li ghad jista' jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Morimoto Limited (C-31933)** fuq ir-Reġistru tal-kumpaniji jkunu a karigu tar-rikorrent noe.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**